MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 269/2004

**Il-Pulizija**

**kontra**

**Giovanna Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Giovanna Tabone talli fl-4 ta’ Awwissu 2004, bejn is-7.00 p.m. u d-9.00 p.m. gewwa 116, Triq ic-Cikas, Zabbar, meta hu fid-dmir taghha li tiehu hsieb it-tfal jew ta’ persuni ohra li ma jkunux kapaci jiehdu hsieb taghhom infushom, naqset li tiehu hsieb lil Pierre Lee Tabone ta’ 13 il-sena, Daniel Tabone ta’ 11 ilsena u lil Alexia Tabone kif jinhtieg;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Novembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Giovanna Tabone hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u

lliberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi tliet xhur mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmija Giovanna Tabone, pprezentat fit-30 ta’ Novembru 2004 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma in sintezi s-segwenti: (1) Il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-htija ta' l-appellanti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni; (2) l-istqarrija li l-appellanti ghamlet mal-Pulizija saret minghajr ma nghatat it-twissija skond il-ligi; (3) ma giex ippruvat li t-tfal mhumiex kapaci jiehdu hsieb lilhom infushom; (4) l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni ta' reita`.

Dawn l-aggravji jirrizolvu ruhhom principalment f'wiehed ta' apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti.

Din il-Qorti semghet ix-xhieda mill-gdid u ghamlet apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx tasal ghall- konkluzjoni li waslet ghaliha fis-sentenza appellata.

**Raymond Tabone**, ir-ragel ta' l-appellanti, xehed li hu u martu qeghdin fil-process li jaghmlu separazzjoni legali u diga` ma jghixux flimkien. It-tfal taghhom, li ghandhom rispettivament tlettax-il sena, hdax-il sena u ghaxar snin, jghixu ma' l-appellanti. Huwa qal li fil-gurnata in kwistjoni cempel id-dar ghall-habta tad-9.00 p.m. u t-tifel il-kbir qallu li kienu wahedhom u li ma kienx jaf fejn qieghda l-appellanti. Ix-xhud jghid li rega' cempel f'xid-9.30 p.m., saqsa lit-tifel jekk il-mama taghhom kinitx giet u wiegbu li le. Ghalhekk cempel l-ghassa u l-Pulizija li wiegbu qallu

biex ihalli f'idejhom u jmorru huma jinvestigaw. Ix-xhud jghid li cempel id-dar drabi ohra u t-tifel baqa' jinfurmah li l-mama taghhom ma kinitx irritornat. Sa xil-10.55 p.m. kienu ghadhom wahedhom. Cempel xi drabi ohra l-ghassa wkoll u meta mar l-ghassa f'xil-11.30 p.m. qalulu li kienu marru u sabuha d-dar lill-mara tieghu.

Ix-xhud l-iehor tal-prosekuzzjoni kien **P.S. 428** li dwaru d-difensuri tal-partijiet qablu li jirreferu ghall-kontenut ta' l-okkorrenza (a fol. 2 u 3 tal-process) bhala s-sustanza tax-xiehda tieghu. Minn hemm jirrizulta li, wara r-rapport li ghamel Raymond Tabone, P.S. 428 u P.C. 100 marru fir-residenza ta' l-appellanti fejn infurmawha dwar ir-rapport li kien ghamel zewgha u din qaltilhom li kienet marret ghal hin qasir ghand ommha.

L-appellanti qed issostni li dik il-parti fl-okkorrenza fejn hemm riportat dak li qalet lill-Pulizija ghandha tigi sfilzata peress illi ma kenitx inghatat it-twissija skond il-ligi.

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omar Pisani** deciz fis-6 ta' Jannar 2005, din il-Qorti diversament presjeduta kellha dan xi tghid dwar l-ammissibilita` ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ta' persuni akkuzati jew imputati:

**"Illi kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha *Ir-Repubblika ta' Malta v. John Attard* [14 ta' Settembru, 2004] il-principji regolaturi ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilita` tal-istqarrija tal-akkuzat huma s-segwenti. Kull haga li l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li dik il-konfessjoni tkun giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghlha jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi (Art. 658 tal-Kodici Kriminali). Jekk il-konfessjoni saritx volontarjament jew le hi kwistjoni li trid tigi deciza mill-gurati u mill-gurati biss (ara Appell Kriminali: *Ir-Repubblika ta' Malta v. Emmanuel Farrugia* [20.1.1989] Kollez. Vol. LXXIII.v.1036, u ohrajn).**

**….**

**Illi mbaghad kif gie ritenut mill-istess Qorti Kriminali fis-sentenza taghha *Ir-Repubblika ta' Malta v. Salvatore Bugeja* [3.12.2004], hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bi prova kontra tieghu u li l-konfessjoni li tkun saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu. Ta' spiss jinghad li l-konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina ghax kif intqal:**

***'A free and voluntary confession of guilt by a prisoner, whether under examination before magistrates or otherwise, if it is direct and positive, and is duly made and satisfactorily proved, is sufficient to warrant a conviction without any corroborative evidence: R. v. White, R. & R. 508; R. v. Tippet, id. 509; R. v. Eldridge, id. 440; R. v. Falkner, id. 481; R. v. Francia, 15 St. Tr. 859, 1 East P.C. 133 n, Fost. 240; R. v. Lambe, 2 Leach 552; R. v. Wheeling, 1.Leach 311 n.'***

**Jintqal ukoll li:**

***'Admissions or confessions to persons other than magistrates, if in writing, are proved as any other written instrument … If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another, or to himself, is equally admissible; though it is evidence to be acted upon with much caution, as being liable to be unintentionally misinterpreted by the witnesses' (R. v. Simons, C. & P. 540)(ARCHBOLD, p. 376).*"**

Stabbilit dan, il-provi prodotti jwasslu ghas-segwenti konsiderazzjonijiet: Raymond Tabone xehed fuq dak li suppost kien qieghed jghidlu t-tifel tieghu. Jigifieri x-xiehda tieghu dwar l-assenza ta' martu mid-dar taghha hija biss *hearsay evidence*. Raymond Tabone jghid li kien qieghed

icempel id-dar bejn id-9.00 p.m. u l-10.55 p.m. izda l-appellanti giet akkuzata li ma kenitx qed tiehu hsieb it-tfal taghha bejn is-7.00 p.m. u d-9.00 p.m. Meta l-Pulizija marru jinvestigaw, sabu lill-appellanti d-dar u din ammettiet maghhom li kienet marret "for a short time" d-dar ta' ommha fil-vicinanzi. Il-Pulizija ma ddeterminawx x'hinijiet l-appellanti kienet assenti mid-dar taghha. Dan ifisser li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-hinijiet li l-appellanti ma kenitx id-dar ma' uliedha. Aktar minn hekk, pero`, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-appellanti naqset milli tiehu hsieb lil uliedha fis-sens tal-paragrafu (j) ta' l-artikolu 339(1) tal-Kap. 9. Naturalment din il-Qorti temmen bil-qawwa kollha li meta t-tfal ikunu d-dar, min hu fid-dmir li jiehu hsiebhom ghandu jkun prezenti maghhom. Dan ma jfissirx li jekk inqalghet il-htiega li l-appellanti tmur ghal ftit hin ghand ommha fil-vicin filwaqt li halliet lil uliedha ta' tlettax-il sena, ta' hdax-il sena u ta' ghaxar snin id-dar flimkien u emmnet li setghet tafdahom ghal dak il-ftit hin, allura hija ghandha titqies li naqset milli tiehu hsieb "kif jinhtieg" ta' l-istess uliedha. Il-ligi mhijiex qieghda hemm biex tippunixxi sitwazzjonijiet bhal dawn u lanqas biex tintuza minn min forsi ghandu l-iskop ulterjuri li jipprova juza kaz bhal dan biex jikseb xi beneficcju ghalih fost il-kondizzjonijet li eventwalment se jirregolaw is-separazzjoni legali bejn il-koppja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-imputazzjoni dedotta u tilliberaha minn dik l-imputazzjoni u minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------